

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Stryker EMEA Supply Chain Services BV

Konvenuti: Inspecteur van de Belastingdienst/Douane kantoor Rotterdam Rijnmond

Dispożittiv

L-intestatura 9021 tan-Nomenklatura Magħquda li tidher fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana, kif emendat bir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1101/2014, tas-16 ta' Ottubru 2014 għandha tiġi interpretata fis-sens li jaqgħu taħtha viti għall-impjant medikali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, sa fejn dawn il-prodotti jippreżentaw karatteristiċi li jiddistingwuhom mill-prodotti ordinarji mit-tmiem tal-manifattura tagħhom u l-preċiżjoni kbira tagħhom, kif ukoll mill-metodu tagħhom ta' manifattura u l-ispeċifikazzjoni tal-funzjoni tagħhom. B'mod partikolari, il-fatt li viti għall-impjant medikali bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma jistgħux jiddaħħlu fil-ġisem ħliet permezz ta' strumenti medikali speċifiċi, u mhux bi strumenti ordinarji, jikkostitwixxi karatteristika li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni biex jiġu distinti dawn il-viti għall-impjanti medikali minn prodotti ordinarji.

⁽¹⁾ ĠU C 136, 18.4.2016.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tas-26 ta' April 2017 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

(Kawża C-142/16) ⁽¹⁾

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ambjent — Direttiva 92/43/KEE — Artikolu 6(3) — Konservazzjoni tal-habitats naturali — Bini tal-impjant tal-enerġija li jaħdem bil-faħam ta' Moorbург (il-Ġermanja) — Żoni Natura 2000 fil-kuritur tax-xmara Elbe iktar 'il fuq mill-impjant tal-enerġija li jaħdem bil-faħam — Evalwazzjoni tal-effetti ta' pjan jew ta' proġett fuq sit protett)

(2017/C 195/06)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Hermes u E. Manhaeve, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappreżentanti: T. Henze u J. Möller, aġenti, assistiti minn W. Ewer, avukat)

Dispożittiv

- 1) Billi ma wettqitx, waqt l-awtorizzazzjoni għall-bini tal-impjant tal-enerġija li jaħdem bil-faħam ta' Moorburg, qrib Hamburg (il-Ġermanja), evalwazzjoni korretta u kompleta tal-effetti, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, tal-21 ta' Mejju 1992, dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa.
- 2) Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Kull parti għandha tbatlha l-ispejjeż tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 165, 10.5.2016.